Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 388/2008AE

**Mario Tonna**

**Vs**

**Edwin Camilleri ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija L & M Camilleri Ltd**

L-Erbgha, 27 ta' Jannar 2016.

B'rikors prezentat fil-31 ta' Ottubru 2008, Mario Tonna (l-appellant) talab lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex:

*"…. Tirrevoka u thassar it-titolu ezekuttiv li nhareg wara l-ittra ufficjali numru 3648/08 u dan ghar-ragunijiet premessi brevement f'dan ir-rikors u dak li jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni"*.

B'digriet moghti *in camera* fil-21 ta' Novembru 2008, l-ewwel qorti cahdet it-talba u ddikjarat li kienet qeghda zzomm ferm it-titolu ezekuttiv imsemmi.

Jirrizulta li fit-2 ta' Settembru 2008 is-socjeta intimata (appellata) kienet ipprezentat ittra ufficjali kontra l-appellant ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). L-att gie notifikat fit-2 ta' Settembru 2008. Fuq l-att hemm dikjarazzjoni tar-Registratur li l-att gie rez ezekuttiv skond l-Artikolu 166A tal-Kap. 12.

Dan wassal lir-rikorrent sabiex fit-2 ta' Dicembru 2008 jipprezenta r-rikors fejn ghamel riferenza ghall-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 u argumenta li l-ewwel qorti kellha tiddeciedi fir-rigward tar-rikors tal-31 ta' Ottubru 2008 wara li tappunta r-rikors ghas-smiegh. Kompla jghid:

*"Illi jirrizulta car illi l-procedura indikata fl-art. 166A ghall-kontestazzjoni tal-ittra ufficjali ezekuttiva ma gietx segwita u ghalhekk ukoll jezistu l-estremi kollha sabiex id-digriet surreferit datat 21 ta' Novembru 2008 jigi revokat contrario imperio filwaqt illi l-imsemmi rikors jigi appuntat ghas-smiegh qabel tinghata d-decizjoni relattiva fuq l-istess"*.

Ghalhekk talab:-

*"Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka contrario imperio d-digriet taghha datat 21 ta' Novembru 2008 filwaqt illi tappunta r-rikors tal-esponenti datat 21 ta' Ottubru 2008 ghas-smiegh tal-*

*provi tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 166A(5) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiiet ta' Malta)".*

Fir-realta' mill-atti jirrizulta li b'digriet moghti fl-4 ta' Dicembru 2008 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet laqghet it-talba u appuntat ir-rikors ghas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2008. Pero s-socjeta intimata pprezentat twegiba ghal dan ir-rikors[1] fejn qalet:

1. Id-digriet tal-21 ta' Novembru 2008 hu *res judicata* ghaliex ma sarx appell minnu.
2. It-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda ghaliex ma jezistix rikors datat 21 ta' Ottubru 2008.
3. Is-socjeta intimata zzomm ferm dak li qalet fit-twegiba li pprezentat ghar-rikors originali tal-31 ta' Ottubru 2008.

B'decizjoni li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-17 ta' Novembru 2014, il-qorti ddecidiet:-

*"1. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u tiddikjara li l-provvediment moghti fil-21 ta' Novembru 2008 minn din il-Qorti llum huwa res judicata bejn il-partijiet.*
*2. tiddikjara li l-procedura adottata mir-rikorrent fir-rikors promotur odjern hija irritwali, u ghaldaqstant,*
*3. tichad it-talbiet fir-rikors promotur tar-rikorrent tat-2 ta' Dicembru 2008".*

Ir-rikorrent appella mis-sentenza. L-aggravju hu li l-provvediment moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta' Novembru 2008 ma fihx il-karatteristici ta' sentenza u li m'hemmx l-elementi biex tirnexxi eccezzjoni ta' *res judicata*. 'Il fatt li l-provvediment inghata in camera ma jistax jigi kkunsidrat bhala sentenza. Id-decizjoni tal-21 ta' Novembru 2008 hi digriet kamerali u m'hemmx jedd ta' appell minn digriet kamerali.

Is-socjeta intimata wiegbet li d-decizjoni tal-ewwel qorti kienet gusta u ghandha tigi kkonfermata in kwantu l-appellant kellu r-rimedju li jappella mill-provvediment tal-21 ta' Novembru 2008 u ma wtilizzahx. Inoltre fir-rikors tat-2 ta' Dicembru 2008 l-appellant talab l-istess rimedju li kien diga' talab.

**Konsiderazzjonijiet**.

Wara li l-qorti semghet it-trattazzjoni u rat l-atti, tosserva:-

1. L-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 jipprovdi ghall-procedura li tista' twassal biex jigi dikjarat null titolu ezekuttiv li jkun inkiseb bil-mod kontemplat fl-Artikolu 166A. It-talba trid issir permezz ta' rikors prezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta). Il-ligi tipprovdi wkoll li r-rikors *"... ghandu jigi appuntat ghas-smigh fi zmien gimghatejn".* Fil-kaz in ezami hu

[1] Li qeghda fl-atti tal-appell numru 59/2009AE.

evidenti li r-rikors prezentat fil-31 ta' Ottubru 2008 (fol. 6) sar a bazi tal-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12. Fil-fatt f'dak l-istadju, l-ittra ufficjali 3648/08 kienet giet reza ezekuttiva skond l-Artikolu 166A. Sfortunatament l-ewwel qorti m'appuntatx ir-rikors ghas-smiegh u wara li s-socjeta intimata pprezentat twegiba (fol. 8), fil-21 ta' Novembru 2008 tat provvediment *in camera*. Decizjoni li wasslet lill-appellant biex jipprezenta r-rikors tat-2 ta' Dicembru 2008 ghar-revoka *contrario imperio* tieghu, u fir-rigward ta' liema fis-17 ta' Novembru 2014 l-ewwel qorti tat id-decizjoni li dwarha jitratta l-appell li qieghed jigi deciz illum.

2. Il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 hi min-natura taghha kontenzjuza. Bid-decizjoni li tinghata mill-qorti fi procediment li jsir skond l-Artikolu 166A(5) tal-Kap. 12 tinghalaq il-kwistjoni u tispicca l-gurisdizzjoni ta' dik il-qorti[2]. F'dan il-kuntest hi flokha r-riferenza li ghamlet l-ewwel qorti ghas-sentenza ta' din il-qorti[3] fil-kaz **Panta Marketing & Services Ltd vs George Farrugia** deciz fit-12 ta' Dicembru 2002, li wkoll ittrattat il-procedura kontemplata fl-Artikolu 166A(5). Il-qorti osservat:

   *"……fis-sistema delinejata mill-Kodici ritwali taghna l-opposizzjoni ghall-atti ezekuttivi, u in partikolari fejn ikun mahsub li tinkiseb in-nullita jew rexxissjoni taghhom* ***trid issir bi procediment kontenzjuz, u konkjuza bi provvediment li jirraprezenta l-karatteristici ta' sentenza*** *emessa wara l-konkluzjoni ta' provediment introdott u zvolt skond il-forma tal-process kontenzjuz ordinarju. Fit-tieni lok, il-principju mperanti jibqa' dejjem dak illi, salv li l-ligi ma tipprovdix xort' ohra, sentenza ta' qorti jew tribunal inferjuri hi soggetta ghall-appell"*[4] (enfazi mizjuda).

3. A bazi tal-insenjament ta' din il-qorti fil-kaz **Panta Marketing & Services Ltd vs George Farrugia**, l-ewwel qorti qalet li ma kellhiex dubju li l-provvediment li nghata fil-21 ta' Novembru 2008 *"jirraprezenta l-karatteristici ta' sentenza"* u huwa soggett ghall-appell. Kompliet izzid:

   *"…. l-unika konkluzjoni li din il-Qorti tista' tasal ghaliha hija li jekk ir-rikorrent hass ruhu aggravat bil-provvediment moghti minn dil-Qorti tal-21 ta' Novembru 2008 minhabba allegati nuqqasijiet procedurali*

[2] Il-qorti taqbel mar-ragunament tal-ewwel qorti li fir-rigward ta' procedura taht l-Artikolu 166A tal-Kap. 12, il-provvediment li jinghata hu: *"…. Sentenza jew digriet definittiv ghaliex dan il-provvediment jiddetermina b'mod defenittiv – suggett ovvjament ghad-dritt t'appell, kif ser jinghad iktar l-isfel – il-validita' tat-titolu ezekuttiv miskub ai termini tal-Artikolu 166A(5)".*
[3] Imhallef. P. Sciberras.
[4] Ara wkoll sentenza tal-istess qorti, **it-Tabib Principali tal-Gvern vs Golden Shepherd Group Ltd** tal-11 ta' Jannar 2006 li kien jitratta l-procedura kontemplata fl-Artikolu 466 tal-Kap. 12. F'dak il-kaz ukoll il-qorti qalet li l-gudizzju kellu jsir *"…. bi procediment kontenzjuz u, sussegwentement biss konkjuz bi provvediment li jivvesti l-karattru ta' sentenza".*

*u/jew sostantivi, ir-rimedju tieghu kien jappella minn dan il-provvediment. Huwa veru li fil-kaz odjern dan il-provvediment gie moghti kameralment u mhux fil-Qorti bil-miftuh, u allura ghandu waha mill-karatteristici ta' sentena nieqsa, izda fl-opinjoni tal-Qorti dan ma jista' qatt ibiddel in-natura tal-provvediment bhala wiehed definittiv u finali, kif koncepita mil-legislatur fil-ligi de quo. Jekk ir-rikorrent hass ruhu aggravat ukoll mill-fatt li l-provvediment inghata kameralment u mhux fil-Qorti bil-miftuh, allura, dan kellu jifforma wiehed mill-aggravji tar-rikorrent fl-appell tieghu".*

Din il-qorti ma taqbilx mal-posizzjoni li hadet l-ewwel qorti. Hu veru li mill-provvediment tal-21 ta' Novembru 2008 ma sarx appell. Pero' m'hemmx dubju li l-provvediment li nghata m'ghandux il-karatteristici ta' sentenza. Fatt rikonoxxut mill-ewwel qorti meta qalet li l-provvediment ***"...ghandu wahda mill-karatteristici ta' sentenza nieqsa"*** ghaliex ma nghatax bil-miftuh. B'dan ir-ragunament ifisser li l-provvediment tal-21 ta' Novembru 2008 m'huwiex ekwivalenti ghal sentenza u ghalhekk ma jistax ikollok *res judicata*. Min-natura taghha eccezzjoni ta' *res judicata* tehtieg li jkun hemm sentenza finali.

Skond l-Artikolu 23 tal-Kap. 12:

*"Is-sentenzi fil-każijiet kollha għandhom jingħataw fil-pubbliku. Il-qorti li tkun qegħda tagħti sentenza għandha taqra l-parti operattiva, li tkun inkluża fil-parti konkluživa tas-sentenza. Il- parti operattiva tas-sentenza għandha tinkludi talbiet jew l- eċċezzjonijiet li jkunu ġew deċiżi u kull dikjarazzjoni maħsuba li tkun konklusiva jew vinkolanti. Minnufih malli tingħata s- sentenza, l-imħallef jew il-maġistrat għandu jdaħħal traskrizzjoni ffirmata tas-sentenza fil-proċess tal-kawża".*

Gialdarba l-provvediment tal-21 ta' Novembru 2008 inghata *in camera* u qatt ma nghata fil-pubbliku, sal-lum ghad m'hemmx provvediment finali. Il-perjodu sabiex jigi propost appell jiddekorri mid-data tad-decizjoni, li meqjus dak li jinghad fl-Artikolu 23 l-qorti tifhem li hi d-data meta tinqara fil-pubbliku. Fic-cirkostanzi l-provvediment tal-21 ta' Novembru 2008 m'huwiex gudikat u ghalhekk ma jorbotx lill-qorti.

**Ghal dawn il-motivi:-**

1. **Tilqa' l-appell tal-appellant Mario Tonna u thassar id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Novembru 2014.**
2. **Tichad l-eccezzjoni ta' *res judicata*. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tas-socjeta appellata.**

**Tordna li l-atti jintbaghatu minnufih lura quddiem l-ewwel qorti ghal kontinwazzjoni.**

Anthony Ellul.